**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 29**

**L-Erbgħa 15 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **29.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| **29.1.1** | Xejn |
| **29.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| **29.2.1** | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 28 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' din il-laqgħa ittieħdu bħala moqrija. |
| **29.2.2** | Is-Sin. Elenia Desira pproponiet u ssekondat is-Sin Janice Chetcuti bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 28 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **29.2.3** | Is-Sur Daniel Zerafa daħal ftit minuti tard għal din il-laqgħa. |
| **28.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| **29.3.1** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-28 ta` Ġunju 2021, Is-Sindku kellu laqgħa il-*Cleansing Department* mad-Direttur is-Sur Ramon Deguara rigward diversi tindif li qed isir ġewwa Marsaxlokk. Is-Sindku spjega kif għalkemm qed ikolna l-għajnuna xorta fadal ħafna ħmieġ x'jitneħħa. Il-Kunsill kellu joħroġ spiża ta' €250 biex jinġieb krejn sabiex jittelgħa luzzu. |
| **29.3.2** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-7 ta` Lulju 2021, is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera Dr Janice Chetcuti , kellhom laqgħa mar-rappreżentanti mill-Animal Welfare fejn saru diskussjonijiet minħabba l-għawm taż-żwiemel fejn il-Hardstanding.<br><br>Is-Sinjura Janice Chetcuti għaddiet brief fejn spjegat x'ġie diskuss fil-preżenza tad-Direttur tal-*Animal Welfare* Patricia Azzopardi, raprezentanta tal-Ministeru Paula, kif ukoll is-Sur Raymond rappreżentant għaqda taż-Żwiemel. Tkelmet dwar il-proġett pilota fejn kien hemm ftheim saabiex is-sidien taż-żwiemel jagħmlu użu min din il-bajja ried ikun hemm tindif u sorveljanza. Minn dan kollu ma kien hemm xejn. Għalhekk qed jintalab lill Ministeru li, Sabiex il proġett pilota ikompli u listess waqt tiġi mħarsa il-*wellbeing* tar-residenti Xlukkajri, l-kunsill talab:<br><br>*1. New signs with new swimming hours to be put up*<br>*8:00 - 11:00am (because Raymond said that the earlier time set before was not good for the horses' being since it's too early - we find no problem in accommodating them by changing it to a later time).*<br>*3:00 - 6:00pm (as it is now)*<br><br>*2. All horses' owners are to collect their horses' waste and dispose of it accordingly in a designated place. If a disposal skip is to be placed there, the ministry is to take care of its upkeep and regular disposal of it would be requested.*<br><br>*3. Horses trailers cannot be parked in the specific area before the slipway, they are to be parked outside in the main street in normal white bays.* |

| | |
|---|---|
| | *4. A warden or supervising personnel is to be on site during these 2 slots to see to it that rules are adhered to and also to prevent the regular occurring squabbles.*<br><br>*5. CCTV are to be placed in the area so as to ascertain safety and restrain mishaps from occurring in the remaining hours.*<br><br>*6. Swimming along with the horses with a long lead or swimming the horse long lead from a boat is strictly not allowed.*<br><br>Daniel Zerafa irrimarka dwar l-għawm tal-klieb u ġie deċiż li jitwaħlu dawn tabelli;<br><br>Naħa tal-Qalb ta' Ġesu: Tabella '**Kelb biċ-Cinga'**.<br><br>Naħa ta-Magħluq: Tabella **'Klieb mhux permessi'.**<br><br>Naħa tal-bajja tal-Għar l-Aħmar mhux permess li jgħowmu klieb u lanqas żwiemel.<br><br>Dakinhar stess, is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat, kellhom laqgħa il-Lands Authority mac-CEO is-Sur Robert Noel Vella fejn fost diversi materji, ġie diskuss il-problema tal-imwejjed u siġġijiet f'Xatt is-Sajjieda, il-Binja tal-Kunsill Lokali l-ġdid u kif ukoll l-Ġnien tal-Kavallerizza.<br><br>Is-Sindku issugerixxa li fil-Masterplan jiddaħlu id-dettalji x'ħin jarma/ jżarma il-Monti ta' filgħodu kif ukoll xħin jintramaw l-imwejjed filgħaxija.<br><br>Filgħodu ma naħa tal-baħar jarma l-monti u jitħalla spazju għas-sajjieda, mwejjed u siġġijiet jarmaw man-naħa tal-bankina biss. Titwessa il-bankina. Filgħaxija jiġi *pedestrian area* jintramaw l-imwejjed u siġġijiet man-naħa tal-baħar u jitħalla spazju għas-sajjieda.<br><br>Sar qbil li jitmexxew dawn il-punti għall-Masterplan. |
| **29.3.3** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-15 ta` Lulju 2021, is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat, kellhom laqgħa online mal-Planning Authority dwar il-fondi tad-DPF. F'dan il-fond hemm €411,507 u li se jkunu marbuta bi ftehim u jkunu qed jintużaw kollha għall-binja tal-Kunsill Lokali l-ġdid. Dwar dan sar qbil unnanimu.<br><br>Minħabba li kien hemm tibdil fir-regoli tad-devoluzzjoni ser japplikaw għall binja tal Kunsill umbad għall-*Carpark*. |
| **29.3.4** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li ser tintbghat ittra lis-sidien tar-restoranti u bars rigward l-iskips. Dawn se jkunu infurmati li l-iskips illegali ser jitneħħew. Jiġu biss aċċettati dawk fiż-żona tal-ħwienet fil parti tagħhom. Il-quddiem ser issir kaxxa pulita u is-sidien iridu jieħdu ħsieb li tinħasel u titnaddaf kif suppost. |
| **29.3.5** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li sar tindif mal-palm. Mhux ser jiġi aċċettat li jitwaħlu affarijiet jew tabelli etċ mal-palm. Ser ikun hemm biss il fustun preżenti u il-ħadida li tpoġġiet apposta biex iwaħħlu magħha. |

| | |
|---|---|
| **29.3.6** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li, fin-naħa tal-Magħluq ġie mneħħi il-karru u tpoġġa ximkien ieħor. Is-Sindku tkellem mal-MTA dwar dan, sabiex jivverifieka jekk hemmx xi tip ta' permess fejn ġie iċċarat li ma hemx permessi. Jekk sid il karru jikkontesta ser jintgħalab iġib id-dokumenti li għandu fejn jintbgħatu l-MTA għall verifika. |
| **29.3.7** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li li ser ikun hemm relocation tat-tourist office. Dan ser imur f'binja viċin ristorant 'Rizzu'. |
| **29.4** | **Mistoqsijiet mil-Kunsilliera** |
| **29.4.1** | Is-Sinjura Janice staqsiet dwar l-mwejjed u siġġijiet jekk dan il-pjan hux ser ikun approvat mill-Gvern. Is-sindku spjega kif dan ser ikun iċċarat fil-Master Plan bħall ma hemm ta Marsalforn. |
| | Is-Sinjura Janice Chetcuti staqsiet f'liema stadju waslu fid-devuluzzjoni tal-iskola. Is-Sindku irrisponda li għad hemm it-tkaxkir u dewmien. |
| | Is-Sinjura Janice Chetcuti semmiet li l-Kap tal-iskola inbidel u staqsiet sabiex tintbgħat nota/ kartolina bħala merħba. Is-Sindku qal li jkun tajjeb jekk jigi mistieden għal-laqgħa. |
| **29.5** | **Gaġġeġ tal-Hut.** |
| **29.5.1** | **Mistieden Salvu Ellul f'isem MFF Ltd.**<br><br>Is-Sin.Janice talbet li il-gaġġeġ, bħas-snin ta' qabel ma jkunx hemm dewmien biex jitneħħew min fuq il-bajja.<br><br>Is-Sinjur Ellul spjega kif il-manutenzjoni fuq il-gaġġeġ ħadet fit-tul peress li kien hemm numru sew ta' gaġġeġ li kellhom bzonn manutenzjoni. Spjega ukoll kif isir il-proċess tat-tiswija. Dan ippropona li bi qbil mal-ERA titpoġġa incirata mat-tul fej isir ix-xogħol u tinda. Is-Sinjur offra ukoll li darba fis-sena kif ilest mil manutezjoni jnaddaf ir-ramel. Hu talab li il-gaġġeġ jitilgħu bejn Jannar u April perjodu fejn in-nies ma tużax il-bajja għall-għawm. Is Sinjur ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex issir dikjarazzjoni stipulata taż-żmien.<br><br>Is-Sindku staqsa rigward it-tonn li jkun mejjet sħiħ li jidħiol jekk hux min naħa tagħhom. Is-sur Ellul spjega kif min naħa tal Fisheries tintuza Sterio Camera li tgħamel l-għadd tal ħut b'mod preċiż. Jekk l-ammont ta ħut li jidħol ma jaqbilx mal bilanċ tal-qatla il-kumpanija tiġi investigata b'mod kriminali. Il-kumpanija tista titieħdilha il-liċenzja. Hut mejjet min-naħa tagħhom jittieħed l-inċineratur. Dan spjega li ħafna drabi dan it-tonn ikun riżultat tas-sajjieda dilettanti.<br><br>Tieni mistoqsija mis-Sindku hi dwar il-border line. Dan sar mal-bojji tal-gaġġa 30m mad-dawra tagħha sabiex ma jsirx abbuż u serq. Dawn il-borders saru ukoll bil permess tal fisheries. Is-Sur Ellul lest li jgħamel diskussjoni mal-koperattivi sabiex sajjieda awtoriżżati jitħallew jidħlu jistadu għal-ħut tal-qieħ. |

| | |
|---|---|
| | Tielet mistoqsija mis-Sindku hi dwar il-permess taċ-ċint. Is-Sinjur spjega li qed jaħdem mal-PA u hemm ir-restoration plan.<br><br>Raba' mistoqsija mis-Sindku hi dwar l-estenzjoni tal-*Hard Standing* fejn saqsa jekk għandux x'jaqsam ma' din il biċċa art. Is-Sinjur wieġeb li le m'għandux x'jaqsam. Hu spjega kif flimkien ma' kumpaniji oħrajn qed jkabbar ġewwa Ħal-Far.<br><br>Daniel Zerafa staqsa jekk hux possibli li jsiru bozzoz għal visibilta' meta jkun hemm il-gaġġeġ fuq il bajja, kif ukoll il ħbula tal-irmiġġ. |
| **29.5.2** | **Mistieden Ryan Abela Marsaxlokk Heritage VO-1629.**<br><br>Is-Sinjur Abela ippreżenta il-proposti tiegħu fejn spjega li ma jaqbilx li x-xogħol ta dan it tip m'għandux isir fuq il-bajja u qal li hemm alternattiva oħra. Wara L-clean up li saret min-naħa tagħhom inġabar ħafna plastic shavings. Is-Sur Abela qal li l-alternattiva hi li isiru taħdidiet sabiex tibda tintuża facilita fil Marsa, MMH.<br><br>Wara diskussjoni bejn kunsilliera u iż-żewġ rappreżentanti ġie deċiż li jiġu evalwati iz-żewġ proposti.<br><br>Ġie iċċarat ukoll li il-Kunsill ma jżommx ruħu obbligat fl-ebda mument meta jaċċetta għajnuna legali minn entitajiet li jgħatu servizz lill-Kunsill mingħajr ħlas. |
| **29.6** | **Festa** |
| **29.6.1** | Is-Sindku ikkomunika li il-festa esterna tar-raħal din is-sena mhux ser isir. Il-Kappilan ikkomunika mas-Sindku li ser jintbgħatu inviti għal-funzjoni ta' ġewwa.<br><br>Saret il mistoqsija dwar jekk il-Monti tal-Ħadd għandux jarma fil-ġurnata tal festa din is-sena?<br><br>Ittieħed vot li din is-sena 2021 minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija il-monti tal-Ħadd ghandux jarma fil-ġurnata tal-Festa? |

| | | |
|---|---|---|
| Daniel Zerafa | IVA | |
| Stephen Caruana | IVA | |
| Janice Chetcuti | IVA | |
| Elenia Desira | | LE |
| Steven Grech | | LE |

| | |
|---|---|
| **29.7** | **Ix-Xatt proposta għall żona pedonali.** |
| **29.7.1** | Din ġiet diskussa fil-Komunikazzjoni tas-Sindku. |

| | |
|---|---|
| **29.8** | **Planning Authority.** |
| **29.8.1** | PA/0875/17- Pipeline tal Gas - Ġie deċiż li ssir Laqgħa ta' Emerġenza nhar l-Erbgħa 21 ta Lulju 2021 fis-1,00pm sabiex jittieħed vot. |
| **29.9** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal Iskedi tal-Pagamenti** |
| **29.9.1** | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana. |
| **29.10** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| **29.10.1** | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6.30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 19 t'Awwisu 2021, fl-4:00pm. |

Konfermati, illum 19 t'Awwissu 2021

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

____________________ | ____________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*